

eurotours

# SAJF

2025

www.eurotours.com.mt

**The Data Protection Act:** If you want to stop receiving this brochure by post and want us to remove you from our mailing database, please get in touch with us and we shall delete your contact details.

VIRTU FERRIES

# SICILY ONE DAY GUIDED EXCURSIONS

## LESS THAN 2 HOURS AWAY

1




2








# BANJA LUKA, PLITVICE LAKES U ZAGREB

## ESKURSJONIJIET B'XEJN TA' ZAGREB U KRAPJE SELO

LUKANDA ĊENTRALI
**4 STAR**

**Inżuru** Zagreb, Banja Luka, Jajce, Ethno Village Ljubacke Doline, Krapje Selo u Plitvice Lakes National Park

**30 Lulju – 05 Awwissu**

MINN
**€739**

**L-ERBGĦA:** Niltaqgħu l-ajruport fis-5.50am biex fit-8.20am nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna fl-ajruport ta' Zagreb fl-10.15am. Minn hawn nitilqu bil-kowċ privat għal city tour b'xejn bi gwida tal-lokal, fejn l-ewwel naraw id-Downtown li jinkludi l-istazzjon tal-ferrovija, il-pjazez Ban Jelacic u King Tomislav, l-Art Pavillion u Zrinjevac Park. Inzuru wkoll Dolac u t-triq Tkalciceva fejn hemm l-aqwa ristoranti u bars. Hawnhekk nesploraw flimkien l-Upper Town – l-eqdem parti ta' Zagreb li tinkudi l-pjazza San Mark, il-Parlament tal-Croatia, it-Torri Lotrscak, il-Katidral u t-Teatru Nazzjonali. Imbagad bil-kowc inkomplu triqitna lejn Banja Luka billi naqsmu l-fruntiera għall-Bosnia. Check in fil-lukanda u ħin liberu.



**IL-ĦAMIS:** Wara l-kolazzjon buffet, ikollna eskursjoni optional għal city tour ta' Banja Luka li tinkludi l-fortizza Kastel, it-triq Gospodska, il-Katidral tas-Salvatur u l-moskea Ferhadija. Ikollna ftit ħin liberu biex nesploraw il-belt qabel ma nkomplu għal Krupa Slopes, meravilja naturali. Filgħaxija mmorru fil-Local community ta' Piskavica għal ċena (optional) u folklore show fejn ingawdu t-tradizzjonijiet u r-ritwali, esperjenza verament interessanti.

**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon buffet u llum ikollna eskursjoni optional fejn inzuru x-Xmara Vrbas li hija waħda mill-isbaħ xmajjar sbieħ fil-Bosnia u Herzegovina, li tgħaddi miċ-ċentru. Nirkbu dgħajsa imsejħa dayak għal rikba affaxxinanti li tgħaddi mill-qalba ta' Banja Luka. Wara din l-esperjenza, immorru l-Villagg Etniku Ljubake Doline – muzew fil-miftuħ li juri l-ħajja tal-komunita' li kienet toqgħod f'dan il-post bejn l-aħħar tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20. Wara nofsinhar ikollna ħin liberu.

**IS-SIBT:** Wara l-kolazzjon buffet ikollna eskursjoni optional għal Jajce. Din il-belt zgħira tinsab fiċ-ċentru tal-Bosnia u Herzegovina, li ospitati rejiet medjevali, gvernaturi Ottomani u diversi gruppi etniċi. Kienet ukoll waħda mill-ewwel fortizzi b'saħħithom fl-era tal-Kommunizmu tal-President Tito. Inzuru l-iktar postijiet interessanti, fosthom il-kaskata Jajce, il-Kastelli u r-raddiena tal-ilma Pliva – ġurnata verament interessanti fejn insiru nafu l-istorja tal-Bosnia Medjevali. Ħin liberu fejn wieħed jista' anke jiekol (extra) u wara ikollna dawra bid-dgħajsa fuq il-lag Pliva.

**IL-ĦADD:** Wara l-kolazzjon buffet, nagħmlu ċ-check out mil-lukanda f'Banja Luka u naqbdu triqitna lejn Zagreb. Fi triqitna nagħmlu waqfa f'Lonjsko Pole fejn ikollna ħin għal mixja fil-villaġġ ta' Krapje Selo. Kif naslu Zagreb nagħmlu Check-in fil-lukanda u jkollna ħin liberu biex ingawdu din il-belt.

**IT-TNEJN:** Kolazzjon buffet u l-eskursjoni optional tal-lum teħodna nzuru l-Park Nazzjonali Plitvice Lakes li huwa Wirt Dinji tal-UNESCO minħabba l-ammont ta' lagi, grotti u kaskati pittoreski. L-aħjar mod kif tara dawn il-meravilji huma bi tren panoramiku u dgħajsa fejn titgħallem fuq l-istorja u l-ekoloġija ta' dan il-park. Wara nofsinhar ikollna ħin liberu biex inkomplu ngawdu n-natura f'ambjent meraviljuz ta' Plitvice Lakes.

**IT-TLIETA:** Kolazzjon buffet u ħin liberu biex inkomplu ngawdu Zagreb. Wieħed jista' wkoll izur iz-Zoo (dħul extra). Waranofsinhar nitilqu lejn l-ajruport ta' Zagreb biex fl-3.55pm nitilqu b'titjira tar-Ryanair li twassalna Malta fis-5.55pm.

### PREZZ KULL PERSUNA

| | | *PREZZ SPEĊJALI |
|---|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €839 | **€739** |
| Adult f'kamra Doppja | €879 | **€779** |
| Adult f'kamra Singola | €1039 | **€939** |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €699 | **€599** |

**Prezz speċjali japplika meta jittieħdu l-eskursjonijiet kollha*
*Hemm ħafna ristoranti viċin il-lukandi minfejn wieħed jista' jiekol.*

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira mar-Ryanair għal Zagreb u lura
- 20kg check in luggage kull persuna
- Akkomodazzjoni għal 4 iljieli fil-Hotel Courtyard by Marriot 4****(jew simili) f'Banja Luka
- Akkomodazzjoni għal 2 iljieli fil-Hotel Central 3*** (jew simili) f'Zagreb
- Kolazzjon buffet kuljum
- Trasferimenti mill-ajruport sal-lukanda u lura
- Taxxi kollha
- Servizz ta' tour leader
- Insolvency Fund Certificate

| ESKURSJONIJIET (jinkludu gwida tal-lokal) | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Banja Luka City Tour | €35 | €15 |
| Piskavica dinner u folklore show (inkluz trasport) | €55 | €25 |
| Jajce | €50 | €30 |
| Ethno Village Ljubacke Doline (inkluz Dayak tour) | €40 | €20 |
| National Park Plitvice (inkluz train u dgħajsa)* | €65 | €35 |

*Attenzjoni speċjali għal tfal u anzjani waqt din l-eskursjoni minħabba mixi fuq planki tal-injam u taraġ.



# TOSCANA U CINQUE TERRE

## ŻJARA B'XEJN TA' SIENA U BOLOGNA

LUKANDA ĊENTRALI
**4 STAR**

**Inżuru** Montecatini, Siena, Firenze, Pienza, Montepulciano, Cinque Terre, Pisa, Viareggio, Montecatini Alto, Volterra, San Gimignano u Bologna

**14–20 Lulju**

MINN
**€629**

**IT-TNEJN:** Niltaqgħu l-ajruport fil-5.30am biex fit-7.50am nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna fl-ajruport ta' Bologna fl-9.40am. Minn hawn nitilqu bil-kowċ biex inżuru Siena, famuża għal Palio u t-tiġrijiet annwali taż-żwiemel fi Piazza del Campo. Wara nibqgħu sejrin fil-Grand Hotel Plaza 4 star f'Montecatini. Filgħaxija ċena optional fil-lukanda.

**IT-TLIETA:** Wara l-kolazzjon, ikollna eskursjoni optional ta' jum sħiħ għal Firenze, minn fejn oriġina r-Rinaxximent. Naraw, fost l-oħrajn, tliet attrazzjonijiet – id-Duomo, il-Battisteru u Giotto's Steeple. Inżuru Piazza Signoria fejn il-Florentini jitħalltu mat-turisti, imbagħad inkomplu nimxu lejn Ponte Vecchio, b'diversi ħwienet mibnija fuqu. Hawnhekk ikollna ħin liberu. Ċena optional fil-lukanda.

**L-ERBGĦA:** Kolazzjon u llum ikollna eskursjoni optional ta' jum sħiħ li teħodna Pienza u Montepulciano, żewġ ġojjelli ta' żmien ir-Rinaxximent. Montepulciano huwa magħruf għall-bini impressjonanti, knejjes mill-isbaħ u speċjalment għall-inbid famuż Vino Nobile. Hawnhekk hawn ħafna x'wieħed jista' jara, speċjalment il-Katidral mill-isbaħ. Imbagħad inkomplu triqitna għal Pienza, villaġġ protett mill-UNESCO b'patrimonju kulturali u naturali. Filgħaxija ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĦAMIS:** Wara l-kolazzjon nitilqu lejn La Spezia fuq eskursjoni optional ta' jum sħiħ. Naqbdu ferry (inkluża fil-prezz tal-eskursjoni u jekk it-temp jippermetti) għaċ-Cinque Terre, waħda mill-isbaħ żoni tar-reġjun tal-Liguria. Hawnhekk insibu ħames villaġġi żgħar mibnija fuq l-irdum u jħarsu fuq il-baħar u fuq l-għoljiet. Nagħmlu waqfa fil-villaġġ pittoresk ta' Monterosso. Ċena optional fil-lukanda.



**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon u l-eskursjoni optional tal-lum teħodna Pisa, fejn naraw Campo dei Miracoli, il-famuż Torri ta' Pisa, il-Katidral u l-Battisteru. Imbagħad inkomplu triqitna lejn il-belt ta' Viareggio bi xtajta ta' 10km mal-Baħar Liguria. Hawnhekk ikollna ħin rilassanti f'dan il-post turistiku magħruf mad-dinja kollha. Imbagħad inkomplu nsuqu lejn Montecatini Alto, villaġġ medjevali. Filgħaxija ċena optional fil-lukanda.

**IS-SIBT:** Kolazzjon u llum ikollna l-aħħar eskursjoni optional ta' jum sħiħ li teħodna f'parti oħra tat-Toscana fejn inżuru Volterra u San Gimignano. L-ewwel nagħmlu waqfa żgħira f'Volterra, b'aspett medjevali b'toroq dojoq, palazzi u knejjes. Imbagħad inżuru San Gimignano, l-iktar belt żgħira popolari fl-Italja, li tiddomina fuq il-Val d'Elsa b'veduti uniċi. Filgħaxija ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĦADD:** Kolazzjon u check-out mill-kmamar. Imbagħad nitilqu bil-kowċ lejn Bologna, famuża għall-knejjes, mużewijiet u ġonna fejn ma jistax jonqos... l-ikel bnin! Aktar tard inkomplu lejn l-ajruport ta' Bologna minn fejn fl-10.00pm nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna Malta f'11.55pm.

| PREZZ KULL PERSUNA | | *PREZZ SPEĊJALI |
|---|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €729 | €629 |
| Adult f'kamra Doppja | €769 | €669 |
| Adult f'kamra Singola | €859 | €759 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €549 | €449 |
| Half Board | | € 120 |

** Prezz speċjali japplika meta jittieħdu l-eskursjonijiet kollha u l-half board.*

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira mar-Ryanair għal Bologna u lura
- Bagalja ta' 20kg kull persuna
- Akkomodazzjoni għal-6 iljieli fil-Grand Hotel Plaza (4 star) f'Montecatini jew simili
- Kolazzjon buffet kuljum
- Trasferimenti mill-ajruport sal-lukanda u lura
- Eskursjoni ta' Siena u Bologna
- Servizz ta' tour leader
- Taxxi tal-ajruport u service charge
- Insolvency Fund Certificate

| ESKURSJONIJIET | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Firenze | €55 | €35 |
| Pienza/Montepulciano | €50 | €30 |
| Cinque Terre (inkluz dgħajsa) | €69 | €49 |
| Pisa/Viareggio/Montecatini Alto | €50 | €30 |
| Volterra/San Gimignano | €55 | €25 |

**MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ**

- City Tax



# LAGO DI GARDA U GARDALAND RESORT

## DIVERTIMENT GĦALL-FAMILJA KOLLHA

**Inżuru** Garda, Caneva Movieland, Caneva Aquapark, Sirmione, Parco Natura Viva, Riva del Garda, Limone, Malcesine, Gardaland Park u Sealife Aquarium

**26 Awwissu – 02 Settembru**

MINN **€769**

**IT-TLIETA:** Niltaqgħu l-ajruport fl-10.15am biex fis-12.45pm nitilqu fuq titjira tal-KM Malta Airlines li twassalna fl-ajruport ta' Milan Linate fit-2.45pm. Minn hawn nitlilqu lejn il-Gardaland Hotel u check in fil-kmamar.

**L-ERBGĦA:** Kolazzjon buffet u nibdew il-ġurnata b'eskursjoni optional ta' jum sħiħ għal Canevaworld Resort, fejn ikollna divertiment għall-familja kollha. Inqattgħu dan il-jum ingawdu Movieland the Hollywood Park, li jinsab ma' Lake Garda – theme park mill-isbaħ fejn insibu atturi, stuntmen u l-maġija ta' Hollywood! Ikun hemm ukoll shows taz-zfin, maġija u ħafna aktar!

**IL-ĦAMIS:** Kolazzjon buffet u l-eskursjoni optional ta' jum sħiħ illum terġa teħodna Canevaworld, din id-darba fl-Aquapark. Hawn wieħed isib attrazzjonijiet għat-tfal, żgħażagħ u adulti – hemm xi ħaġa għal kulħadd!

**IL-ĠIMGĦA:** Wara l-kolazzjon buffet, ikollna eskursjoni optional ta' jum sħiħ li teħodna Sirmione u Parco Natura Viva. F'Sirmione, il-Perla ta' Lake Garda, ingawdu t-toroq pedonali mill-isbaħ mimlija boutiques, cafes, etc. Wieħed jista' wkoll jirkeb dgħajsa li tieħdok madwar l-ex villa ta' Maria Callas, il-Villa Rumana antika, il-Grotta ta' Catullo u t-Thermal Baths. Wara nibqgħu sejrin Parco Natura Viva (entratura extra) li hija qisha Safari, fejn mill-bus naraw ġiraffi, zebras, iljuni, hyenas u cheetahs. Bil-mixi mbagħad inzuru il-Fauna Park fejn naraw annimali mill-ħames kontinenti u l-Extinction Park.

**IS-SIBT:** Kolazzjon buffet u llum ikollna eskursjoni optional ta' jum sħiħ għal Riva del Garda. Hawnhekk inzuru ċ-ċentru u wieħed jista' jieħu mini cruise (extra) għal Limone, fejn ikollu ħin liberu biex jesplora l-post jew jgħum f'Lake Garda. Wara, bl-istess dgħajsa immorru Malcesine, villaġġ ieħor popolari ma' Lake Garda fejn inzuru ċ-ċentru storiku.

**IL-ĦADD:** Kolazzjon buffet u ix-shuttle bus illum teħodna ġurnata sħiħa fit-theme park Gardaland, flimkien mas-Sea Life Aquarium, fejn nesperjenzaw avventura maġika fl-iktar park famuż tal-Italja. Ġurnata mimlija divertiment b'ħafna attrazzjonijiet u shows spettakolari.

**IT-TNEJN:** Kolazzjon buffet u eskursjoni oħra optional li terġa teħodna f'Gardaland Park biex inkomplu ngawdu anke r-rides u r-rollercoasters.

**IT-TLIETA:** Kolazzjon buffet u check-out mill-kmamar. Imbagħad nitilqu mill-ajruport ta' Milan Linate biex fit-3.35pm nitilqu fuq titjira tal-KM Malta Airlines li twassalna Malta fil-5.35pm



| PREZZ KULL PERSUNA | | *PREZZ SPEĊJALI |
|---|---|---|
| Adult f'kamra Quadripla | €869 | €769 |
| Adult f'kamra Trippla | €899 | €799 |
| Adult f'kamra Doppja | €999 | €899 |
| Adult f'kamra Singola | €1199 | €1099 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €649 | €549 |

** Prezz speċjali japplika meta jittieħdu l-eskursjonijiet kollha.*

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira mal-KM Malta Airlines - Malta/Linate/Malta
- 10kg hand luggage u 20kg checked in luggage kull persuna
- Akkomodazzjoni għal 7 iljieli f'Gardaland Hotel 3***+ f'Garda (jew simili)
- Kolazzjon buffet kuljum
- Trasferimenti mill-ajruport sal-lukanda u lura
- Servizz ta' tour leader
- Taxxi tal-ajruport u service charge
- Insolvency Fund Certificate

| ESKURSJONIJIET | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Caneva World (2 day ticket għal Movieland & Aquapark inkluzi)* | €82 | €48 |
| Sirmione/Parco Natura Viva | €53 | €33 |
| Riva del Garda/Limone/Malcesine | €58 | €38 |
| Gardaland/Sea Life Aquarium (2 day ticket għal Gardaland & Sea Life inkluzi)* | €89 | €53 |

**Entratura b'xejn għal Gardaland u Caneva World b'xejn għal tfal iqsar minn 90cm*

### MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ

- **City Tax** - €6.00 kull persuna
- **Parco Natura Viva** - €18 kull persuna
- **Riva del Garda mini cruise** - €16 kull adult/€8 tfal



# LAKE BLED, SLOVENIA

MINN **€699**

**Inżuru** Lake Bled, Mount Vogel, Matjaz's Homestead, Radovlijca, Ljubljana, Postojna Caves, Predjama Castle, Vintgar Gorge, Skofja Loka, Zelenci Natural Reserve u Kranjska Gora

**GRUPP 1:** 30 Ġunju – 07 Lulju
**GRUPP 2:** 07–14 Lulju
**GRUPP 3:** 14–21 Lulju
**GRUPP 4:** 21–28 Lulju
**GRUPP 5:** 28 Lulju – 04 Awwissu
**GRUPP 6:** 4-11 Awwissu
**GRUPP 7:** 11-18 Awwissu
**GRUPP 8:** 18-25 Awwissu
**GRUPP 9:** 25 Awwissu – 01 Settembru
**GRUPP 10:** 01-08 Settembru
**GRUPP 11:** 08-15 Settembru
**GRUPP 12:** 15-22 Settembru
**GRUPP 13:** 22-29 Settembru

**IT-TNEJN:** Niltaqgħu l-ajruport fit-8.00am biex fl-10.30am nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna Trieste fin-12.25pm. Minn hawn nitilqu b'kowċ privat lejn Bled. Check in u ċena optional fil-lukanda.

**IT-TLIETA:** Kolazzjon buffet u llum ikollna l-ewwel eskursjoni optional ta' jum sħiħ biex nesploraw il-belt ta' Bled, magħrufa bħala l-perla tal-Alpi Sloveni. Inzuru l-kastell (dħul extra) imbagħad nibqgħu sejrin Bohinj, l-ikbar lag fis-Slovenia. Min irid jista' jirkeb cable car (extra jekk jippermetti t-temp) li twasslek fuq Mount Vogel fejn wieħed jista' jammira u jgawdi l-veduti spettakolari. Ċena optional fil-lukanda.

**L-ERBGĦA:** Wara l-kolazzjon buffet ikollna eskursjoni oħra optional li teħodna fiz-zona ta' Novo Mesto fejn inzuru Matjaz's Homestead, tradizzjoni ta' 150 sena fejn nitgħallmu fuq il-ħajja fil-kampanja ta' Dolenjska. Din id-dar fil-kampanja kienet irrestawrata b'mod tradizzjonali u wara li nduru mad-dar u l-kantina antika tal-inbid, ikollna presentazzjoni multi-vision fuq l-istorja tal-inbid. Wara nduqu l-ħobz, ġobon u nbid (fruit juice għat-tfal), kollha maħduma hemm stess. Imbagħad nibqgħu sejrin Radovlijca, raħal medjevali b'veduti tal-Alpi Karavanke u Julian, magħruf għaċ-ċikkulata u t-trobbija tan-naħal. Fl-aħħar nagħmlu waqfa qasira fi Brezje biex inzuru l-Bazilika rinomata. Nirritornaw fi Bled u ħin liberu fejn wieħed jista' jagħmel mixja rilassanti jew dawra bid-dgħajsa (extra) fuq il-lag. Ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĦAMIS:** Kolazzjon buffet u llum ikollna eskursjoni optional ta' jum sħiħ biex inzuru Ljubljana, il-belt kapitali tas-Slovenia. Din il-belt għandha parti antika fuq stil Barokk, b'toroq dojoq iserpu għall-kenn bejn l-għolja tal-kastelli u x-xmara Ljubljanica. Fost l-oħrajn naraw il-Katidral ta' St Nikolai, il-Kastell u t-tlett pontijiet. L-ewwel nagħmlu dawra panoramika bil-kowċ, segwita minn mixja fiċ-ċentru. Imbagħad jingħata ħin liberu biex wieħed ikompli jgawdi din il-belt fejn jixtieq hu jew jagħmel xi shopping. Ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĠIMGĦA:** Wara l-kolazzjon buffet, ikollna eskursjoni optional li l-ewwel teħodna il-kastell ta' Predjama, struttura unika fuq stil Gotiku, mibni fil-muntanji bi storja kurjuza. It-tieni waqfa tagħna tkun zjara fil-Postojna Caves (dħul extra) – 24 km ta' strutturi magħmula minn stalagmiti u stalagtiti. Tren elettriku idaħħalna f'dawn l-għerien imbagħad nimxu ma' gwida tal-lokal fl-aktar partijiet drammatiċi. Ċena optional fil-lukanda.

**IS-SIBT:** Kolazzjon buffet u l-eskursjoni optional tal-lum tibda bil-belt medjevali u pittoreska ta' Skofja Loka, fejn wieħed jista' jammira l-pont pittoresk li jaqsam ix-xmara Selska Sora, u li jwasslek għall-parti l-antika, mimlija toroq dojoq iserpu li wieħed jieħu gost jimxi fihom. L-isbaħ parti hija jekk wieħed jimxi sal-kastell Loka biex jammira l-ġmiel ta' veduti tal-muntanji. Wara, immorru Vintgar Gorge biex nesperjenzaw l-veduti ta' dan il-post fejn wieħed jista' jimxi fuq passaġġ tal-injam li jaqsam x-xmara Radovna 4 darbiet, waqt li jara l-kaskati u l-ilma veloċi sakemm jilħaq il-kaskata għolja ta' 16m. Ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĦADD:** Kolazzjon u l-aħħar eskursjoni optional teħodna qalb xenarju ieħor sabiħ fin-natura. L-ewwel inzuru ir-rizerva naturali Zelenci fejn nagħmlu mixja zgħira fil-foresta sakemm naslu f'zona naturali u spettakolari. Wara nibqgħu sejrin Kranjska Gora, li tinsab bejn il-fruntieri tal-Awstrija u l-Italja. Hawnhekk ikollna ħin liberu fejn wieħed jista' jirrilassa u jgawdi x-xenarji jew jagħmel xi attivita' sportiva (extra). Fl-aħħar nagħmlu waqfa ħdejn il-lag Jasna b'veduti spettakoli fejn tispikka l-muntanja fix-xenarju ta' warajha. Hawnhekk naraw ukoll il-famuza statwa The Golden Horn. Ċena optional fil-lukanda.

**IT-TNEJN:** Wara l-kolazzjon buffet, naqbdu t-triq lejn l-ajruport ta' Trieste fejn fis-12.50pm nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna Malta fit-2.45pm.

| PREZZ KULL PERSUNA - Hotel Park 4**** | | *PREZZ SPEĊJALI |
|---|---|---|
| Adult f'kamra Doppja | €899 | **€799** |
| Adult f'kamra Singola | €1329 | **€1229** |
| Half Board | | €155 |
| Suppliment Lake View | | €170 |

** Prezz speċjali japplika meta jittieħdu l-eskursjonijiet kollha u l-half board.*

| PREZZ KULL PERSUNA - Hotel Savica 4**** | | *PREZZ SPEĊJALI |
|---|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €799 | **€699** |
| Adult f'kamra Doppja | €849 | **€749** |
| Adult f'kamra Singola | €1196 | **€1096** |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €649 | **€549** |
| | ADULTI | TFAL |
| Half Board | €155 | €90 |

** Prezz speċjali japplika meta jittieħdu l-eskursjonijiet kollha u l-half board.*
*** It-tielet sodda tkun sofa bed u idejali għal tfal jew żgħażagħ.*
****L-ikel ta' filgħaxija jkun servut jew fil-Hotel Park jew Hotel Rikli Balance.*

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira mar-Ryanair għal Trieste u lura
- 20kg checked in luggage kull persuna
- 7 iljieli akkomodazzjoni f'lukanda 4**** fi Bled
- Kolazzjon buffet kuljum
- Trasferimenti mill-ajruport għal-lukanda u lura
- Uzu tas-swimming pool
- Taxxi tal-ajruport u service charge
- Servizz ta' tour leader
- Insolvency Fund Certificate

| ESKURSJONIJIET | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Bled/Bohinj/Mt Vogel | €52 | €28 |
| Matjaz's Homestead/Radovlijca | €52 | €30 |
| Ljubljana | €52 | €30 |
| Predjama Castle/Postojna Caves | €45 | €30 |
| Skofja Loka/Vintgar Gorge | €52 | €30 |
| Zelenci Natural Reserve/Kranjska Gora | €55 | €30 |

### MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ

- **City tax**
- **Mount Vogel Cable Car return** - €29.50 kull adult/€15 tfal
- **Matjaz's Homestead** - €17
- **Postojna Caves u Predjama Castle** - €42 kull adult/€25 tfal
- **Vintgar Gorge** - €10 kull adult/€3 tfal



# AWSTRIJA, ĠERMANJA & REPUBBLIKA ĊEKA

**ESKURSJONIJIET KOLLHA INKLUŻI**

**Inżuru** Krems u Melk max-Xmara Danube, Cesky Krumlov fir-Repubblika Ċeka, Mondsee, Salzburg, Passau fil-Bavaria, Graz, Austrian Lake District (St Wolfgang u St Gilgen), Hallstatt, Berchtesgan u Eagle's Nest, Lake Konigsee u Vienna

## 26 Awwissu – 02 Settembru

MINN **€945**

**IT-TLIETA:** Fis-7.00am niltaqgħu l-ajruport biex fid-9.15am nitilqu fuq titjira tal-KM Malta Airlines li twassalna fl-ajruport ta' Vienna fil-11.35am. Minn hawn nitilqu bil-kowċ lejn Linz, izda qabel nagħmlu waqt f'żewġ postijiet ferm ħelwin. L-ewwel waqfa tagħna tkun f'Krems, waħda mill-eqdem bliet fl-Awstrija, Ippriservata sew u protetta mill-UNESCO. Bl-istorja vasta tagħha, wieħed jaħseb li l-belt hija ddominata mill-passat, imma fil-verita', hija wkoll miftuħa għall-ħajja moderna. It-tieni waqfa tkun f'Melk, villaġġ ħelu max-xmara Danube, b'varjeta' ta' xenarji minn foresti fil-għoli sa għelieqi u pajsaġġi madwar id-Danube. Imbagħad inkomplu triqitna lejn Linz. Check in fil-Hotel Courtyard by Marriott 4**** f'Linz.

**L-ERBGĦA:** Kolazzjon buffet u wara jkollna eskursjoni ta' jum sħiħ li teħodna fir-Repubblika Ċeka, fejn inżuru l-belt medjevali ta' Cesky Krumlov – belt antika protetta mill-UNESCO. Din il-belt għandha ċentru storiku antik li, flimkien mal-kumpless tal-kastell, ilha protetta bil-liġi mill-1992. Naraw il-knisja ta' San Vitus u ċ-ċentru storiku mimli mużewijiet u bini ekklesjastiku. Fi triqitna lura lejn Linz, nagħmlu waqfa f'Ċentru Kummerċjali Plus City li jospita l-famuz Primark.



**IL-ĦAMIS:** Kolazzjon buffet u eskursjoni oħra mill-isbaħ għall-belt storika ta' Salzburg. Fi triqitna nagħmlu waqfa f'Mondsee, belt zgħira max-xmara Mondsee fejn naraw il-knisja ta' San Mikiel magħrufa għax-xena taż-żwieg f'The Sound of Music. Imbagħad inkomplu triqitna lejn Salzburg fejn nagħmlu mixja fiċ-ċentru biex nammiraw is-sbuħija tal-arkitettura li ospitat residenti famużi bħall-kompositur Mozart. Ikollna ħin liberu fejn inkomplu ngawdu il-pjazez u s-sqaqien ta' din il-belt majestuża.

**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon buffet u l-eskursjoni tal-lum teħodna Passau, fir-reġjun tal-Bavaria fil-Ġermanja. Inżuru ċ-ċentru storiku u l-post fejn jiltaqgħu 3 xmajjar – id-Danube, il-Ilz u l-Inn, bix-xena majestuża warajhom tal-Katidral ta' San Stiefnu.

**IS-SIBT:** Kolazzjon buffet u llum se nżuru belt oħra mill-isbaħ fl-Awstrija – dik ta' Graz. Fil-qalba ta' din il-belt insibu Hauptplatz, il-pjazza prinċipali tal-belt antika medjevali, imdawra b'toroq dojoq mimlijin ħwienet u ristoranti u b'arkitettura Barokka u Rinaxximentali. Nagħmlu wkoll waqfa f'shopping centre kbir fejn ikollna ħin għall-ikel (extra) u ftit shopping.

**IL-ĦADD:** Kolazzjon buffet u llum ingawdu eskursjoni oħra ta' jum sħiħ fl-Austrian Lake District, partikolarment St. Wolgang. Wara li nżuru ċ-ċentru tal-belt, naqbdu dgħajsa (extra) u naqsmu l-lag Wolfgangsee qalb xenarji mill-isbaħ għal St. Gilgen, villaġġ verament ħelu fuq il-lag. Finalment inzuru Hallstatt, mejqus bħala wieħed mill-isbaħ postijiet fl-Awstrija, b'xenarju inkredibbli u mimli sqaqien u djar ikkuluriti tipikament Alpini tas-seklu 16.

**IT-TNEJN:** Kolazzjon buffet u eskursjoni oħra mill-isbaħ għal Berchtesgaden u Lake Konigsee. Berchtesgaden hija magħrufa l-aktar għall-Eagle's Nest (entratura extra), mibnija fuq il muntanja Kehlstein f'egħluq il-50 sena ta' Adolf Hitler u li kien juzaha bħala post ta' rilassament fejn kien jilqa' kemm ħbieb u kemm dinjitarji. Wara nibqgħu sejrin lejn il-villaġġ ta' Konigsee mal-lag, u fejn wieħed jista' wkoll jagħmel boat ride (extra) biex ikun jista' jgawdi iktar il-ġmiel pittoresk f'ambjent rilassanti.

**IT-TLIETA:** Kolazzjon buffet u nitilqu għall-aħħar avventura tagħna fil-belt ta' Vienna, fejn inqattgħu l-jum ingawdu s-sbuħija ta' din il-belt u jkollna wkoll ħin għall-ikel (extra) qabel ma naqbdu triqitna lejn l-ajruport ta' Vienna biex fid-8.40pm nitilqu fuq titjira tal-KM Malta Airlines li twassalna fl-ajruport ta' Malta fil-11.00pm.

### PREZZ KULL PERSUNA

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €945 |
| Adult f'kamra Doppja | €955 |
| Adult f'kamra Singola | €1125 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €499 |

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira mal-KM Malta Airlines għal Vienna u lura
- 10kg hand luggage u 20kg checked in luggage
- Akkomodazzjoni għal 7 iljieli fil-Hotel Courtyard by Marriott 4**** (jew simili) f'Linz
- Kolazzjon buffet kuljum
- Trasferimenti u eskursjonijiet kollha skont il-programm
- Taxxi kollha inkluz city tax
- Servizz ta' tour leader
- Insolvency Fund Certificate

### MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ

- **Boat St. Wolfgang to Gilgen** - €18 kull adult/€18 tfal
- **Eagle's Nest** - €29.90 kull adult/€8.80 tfal



# SERBIA

## MUNTANJI, XMAJJAR U LAGI

LUKANDA ĊENTRALI
**4 STAR**

**Inżuru** Zlatibor, Stopica Cave, Gostilje Waterfalls, Sirogojno, Mokra Gora, Ovcar, Kablar Gorge, Gold Gondola, Tara National Park, Banjska Stena Viewpoint, Uvac Lake, Viewpoint Moltiva, Zlatar Lake, Nest Retail Park, Kadinjaca Memorial Complex and Drina River Cruise

**30 Lulju – 06 Awwissu**
**10–17 Settembru**

MINN
**€559**

**L-ERBGĦA:** Niltaqgħu l-ajruport f'nofsinhar biex fis-2.35pm nitilqu fuq titjira tal-Air Serbia li twassalna fl-ajruport ta' Belgrade fl-4.30pm. Minn hawn nitilqu lejn il-Hotel Zlatibor Mona 4**** fiċ-ċentru ta' Zlatibor. Check-in fil-kmamar u ċena optional.

**IL-ĦAMIS:** Kolazzjon u nibdew b'ġurnata eskursjoni optional għal Stopica Cave (dħul extra), famuża għall-kaskati taħt l-art b'għoli ta' 10m. Din il-grotta, li tinsab max-xmara Pristavica, hija waħda mill-ikbar attrazzjonijiet turistiċi fis-Serbia. Wara nibqgħu sejrin biex naraw il-Gostilje Waterfalls. Imbagħad inkomplu nsuqu lejn Sirogojno u nżuru Staro Selo Sirogojno, mużew fil-miftuħ jew 'villaġġ etniku' fejn naraw bini tal-injam tradizzjonali li jinkludu bakery, dairy u inn, kollha fi stat awtentiku. Il-villaġġ ta' Sirogojno kien ġie dikjarat bħala Monument tal-Kultura ta' Importanza Eċċezzjonali fl-1983 u huwa protett mir-Repubblika tas-Serbia. Ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon buffet u wara jkollna eskursjoni optional ta' Zlatibor u Mokra Gora. L-ewwel mmorru nagħmlu mixja mal-lag ta' Zlatibor imdawwar bi ħwienet boutique. Inżuru wkoll is-suq lokali fejn wieħed jista' jixtri prodotti tradizzjonali kemm tal-ikel u kemm tal-artiġjanat. Imbagħad nagħmlu waqfa żgħira ħdejn il-knisja ta' San Ġwann Battista u Stone Bridge u wara nkomplu nsuqu lejn Mokra Gora fejn ingawdu rikba fuq train (inkluża) li tagħmel diversi waqfiet tul il-pajsaġġ mill-isbaħ tal-muntanja Tara. Wara nżuru l-Wooden Town li jinsab fuq l-għolja Mecavnic imwaqqaf mill-famuż direttur tal-films Emir Kusturica. Ċena optional fil-lukanda.

**IS-SIBT:** Kolazzjon buffet u eskursjoni optional oħra mill-isbaħ li teħodna lejn iċ-ċentru tas-Serbia fejn ix-xmara Zapadna Morava naqqxet gorge impressjonanti bejn il-muntanji Ovcar u Kablar (magħrufa wkoll bħala Holy Mountain). Hawn ikollna rikba b'dgħajsa (inkluża) li tagħmel waqfa fejn monasteru medjevali. Wara jkollna ħin liberu għall-ikel (extra). Wara nirritornaw lejn Zlatibor, fejn wieħed jista' jirkeb iz-Zlatibor Panoramic Gold Gondola (extra) li tieħdok 9 kilometri sal-quċċata ta' Tornik fejn ingawdu veduti mill-isbaħ. Ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĦADD:** Kolazzjon buffet u eskursjoni optional li teħodna fit-Tara National Park, famuż għan-natura affaxxinanti. Nagħmlu waqfa għar-ritratti f'Lazici Dam filwaqt li nammiraw il-lag Spajici fejn, fl-1875, kien skopert il-famuż Pancic's Spruce. Nagħmlu waqfa oħra f'Mitrovac fejn nagħmlu mixja fil-masġar protett matul ir-Red Creek għall-fenomenu naturali Carpet Meadow. Imbagħad ikun imiss waqfa oħra f'Perucac, l-iżgħar xmara tas-Serbia, il-Vrelo, magħrufa bħala x-xmara ta' sena sħiħa, peress li t-tul tagħha ta' 365 metru jikkorrispondi mal-ġranet f'sena. Għal dawk li jinteressahom, ikun hemm ukoll servizz ta' minibus (inkluż) li twasslek sa Banjska Stena Viewpoint, wieħed mill-aktar postijiet imfittxija għall-veduti. (Din l-eskursjoni tinkludi veduta panoramika fejn fl-aħħar 300 metru, wieħed irid jgħaddi minn passaġġ imħarbat mingħajr ħadid). L-aħħar waqfa tagħna tkun ħdejn ix-xmara Drina fejn naraw il-famuża u s-sabiħa House On The Rock. Ċena optional fil-lukanda.

**IT-TNEJN:** Kolazzjon buffet u llum ingawdu l-ħin tagħna mdawrin bin-natura f'eskursjoni optional li teħodna Uvac Lake. Dan il-lag huwa ffurmat b'tidwiriet li n-natura naqqxet b'mod li ma jitwemminx, fejn naraw il-kulur sabiħ tal-ilma ċar kristall. Din il-ġurnata tnissina għal ftit tal-ħin il-ħajja mgħaġġla u storbjuża u hawn nirrilassaw filwaqt li nisimgħu biss il-ħsejjes tan-natura u ngawdu l-ġid naturali mhux mittiefes. Ikollna dawra bid-dgħajsa (inkluża) fuq Zlatar Lake (Kokin Brod) u jkollna pranzu inkluż max-xmara. Ċena optional fil-lukanda.

**IT-TLIETA:** Kolazzjon buffet. Dan l-aħħar jum tal-vaganza tagħna li se nkomplu ngawdu sal-aħħar. Fl-eskursjoni optional tal-lum ser inżuru Kadinjaca Memorial Complex (monument tal-era Yugoslava) li jikkommemora l-Partiġġani li mietu fuq il-post waqt ġlieda mal-Ġermaniżi f'Novembru tal-1941. Imbagħad nibqgħu sejrin Nest Retail Park fejn ikollna ħin liberu għax-shopping jew wieħed jista' jżur iċ-ċentru ta' Uzice. Wara nofsinhar immorru fuq id-Drina River Cruise fejn niltaqgħu man-natura, storja u rilassament. Ċena optional fil-lukanda.

**L-ERBGĦA:** Check-out mill-kmamar u nitilqu lejn l-ajruport ta' Belgrade biex f'11.55am naqbdu t-titjira tal-Air Serbia li twassalna Malta fis-1.50pm.

### PREZZ KULL PERSUNA

| | | *PREZZ SPEĊJALI |
|---|---|---|
| Adult f'kamra Quadripla | €659 | €559 |
| Adult f'kamra Trippla | €699 | €599 |
| Adult f'kamra Doppja | €749 | €649 |
| Adult f'kamra Singola | €1064 | €964 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €499 | €399 |
| Half Board (inkluz flixkun ilma u tazza nbid)<br>Half Board għal tfal taħt 12-il sena huwa b'xejn | | € 130 |

** Prezz speċjali japplika meta jittieħdu l-eskursjonijiet kollha u l-half board.*

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira mal-Air Serbia għal Belgrade u lura
- 8kg hand luggage u 23kg checked in luggage
- Akkomodazzjoni għal 7 iljieli fil Hotel Zlatibor Mona 4**** fi Zlatibor (jew simili)
- Kolazzjon buffet kuljum
- Użu tal-wellness centre fil-lukand
  *(Tfal ma jistawx juzaw il-faċilitajiet wara s-6.00pm)
- Trasferimenti mill-ajruport sal-lukanda u lura
- Servizz ta' tour leader
- Taxxi tal-ajruport u service charge
- Insolvency Fund Certificate

| ESKURSJONIJIET (jinkludu gwida tal-lokal) | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Stopica Cave/Gostilje Waterfalls/Sirogojno (inkluz shuttle bus għall-grotta u lura) | €45 | €27 |
| Zlatibor/Mokra Gora (inkluż train) | €45 | €28 |
| Ovcar/Kablar Gorge (inkluż dgħajsa)/ Gold Gondola | €58 | €33 |
| Tara National Park | €53 | €33 |
| Uvac Lake (inkluż dgħajsa u pranzu 3-course) Viewpoint Molitva | €66 | €38 |
| Kadinjaca Memorial Complex/ Nest Retail Park/Drina River Cruise | €43 | €23 |

### MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ

- **City Tax** - ta' €1.30 kull persuna kull lejl titħallas direttament fil-lukanda
- **Gold Gondola** - €14 kull adult/€8 tfal
- **Stopica Cave** - €5 adulti/€3 tfal



# BARCELLONA U COSTA BRAVA

LUKANDA ĊENTRALI **4 STAR**

**Inżuru** Lloret de Mar, Barcellona, Barcelona Aquarium, Montserrat, Marineland Aqua Park, Mataro Shopping Complex, Tossa de Mar, PortAventura, Girona, Barcelona Zoo, Las Ramblas

## 23–30 Awwissu

MINN **€619**

**IS-SIBT:** Niltaqgħu l-ajruport fil-11.30am biex fis-2.05pm nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna Barcellona fl-4.20pm. Minn hawn nitilqu bil-kowċ lejn Lloret de Mar. Check in fil-Hotel Garbi Park 4****. Ċena optional fil-lukanda u wara noħorġu mat-tour leader għal mixja fiċ-ċentru.

**IL-ĦADD:** Wara l-kolazzjon buffet, nibdew bl-ewwel eskursjoni optional ta' jum sħiħ għal Barcellona, biex naraw din il-belt tal-Katalunja famuza għall-arkitettura ta' Gaudi u Art Nouveau. Mill-kowċ nammiraw l-iktar bini important, akkumpanjati minn gwida tal-lokal, fosthom diversi bini ta' Gaudi, Plaza de Espana, Olympic village, Columbus monument u Montjuic. Iktar tard waranofsinhar inzuru l-Aquarium (dħul extra), l-akbar wieħed tal-istil tiegħu fid-dinja, iddedikat l-iktar għall-Mediterran. Dawk li jagħżlu li ma jidħlux fl-aquarium, ikollhom ħin liberu għal sightseeing jew shopping fl-istess akkwata. Ċena optional fil-lukanda.

**IT-TNEJN:** Kolazzjon buffet segwit minn eskursjoni optional għal Montserrat, muntanja unika li toffri veduti spettakolari tal-Katalunja. Inzuru l-Bazilika (dħul inkluz) fejn hem mil-Madonna s-Sewda. Aktar tard immorru f'bottega lokali, li jipproduċu 35 inbid differenti. Ikollna l-opportunita li nduqu diversi ġobnijiet lokali, perzut u nbejjed, kif ukoll inkunu nistgħu nixtru minn dawn il-prodotti. Ċena optional fil-lukanda.

**IT-TLIETA:** Wara l-kolazzjon buffet, ikollna eskursjoni optional ta' jum sħiħ fejn ser inzuru Marineland Aqua Park (entratura extra). Ser inqattgħu il-jum naraw id-delfini, pingwini u foki, inzuru l-akkwarju, naraw xi live shows u nuzaw il-waterslides. Ċena optional fil-lukanda.

**L-ERBGĦA:** Kolazzjon buffet u jkollna eskursjoni optional li teħodna fil-Mataro shopping complex, fejn wieħed isib 'l fuq minn 80 ħanut u ristoranti. Wara nofsinhar inzuru Tossa de Mar, belt ħelwa mimlija xtajtiet sbieħ, torrijiet, toroq dojoq fil-parti storika u minfejn wieħed jista' jgawdi veduti mill-isbaħ tal-kosta. Ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĦAMIS:** Kolazzjon buffet u llum ikollna eskursjoni optional ta' jum sħiħ mimlija avventura għal kulħadd, għaliex se nkunu qed inzuru PortAventura, l-ikbar theme park fi Spanja u t-tielet l-ikbar wieħed fl-Ewropa. Il-park huwa maqsum f'sitt temi – Mediterranju, Polynesia, Ċina, Mexica, Far West u Sesamen Street Aventura, kollha b'diversi fun rides u shows. Ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon buffet u l-aħħar eskursjoni optional ta' nofs ta' nhar teħodna fil-belt sabiħa ta' Ġirona, magħrufa għall-istorja u l-kultura. Nagħmlu mixja fit-toroq medjevali mizmumin ferm tajjeb fejn nesperjenzaw taħlita ta' tradizzjonijiet. Naraw ukoll il-Katidral Gotiku ta' Ġirona fejn ġew miġbuda xeni mis-sitt edizzjoni ta' Game of Thrones. Wara nofsinhar ikollna ħin liberu biex ingawdu Lloret de Mar. Ċena optional fil-lukanda.

**IS-SIBT:** Kolazzjon buffet u wara ċ-check out mill-kmamar, nitilqu bil-kowċ lejn iz-Zoo ta' Barellona (entratura extra), li jospita fuq 2,000 annimal minn 300 speċi u li għandu wieħed mill-akbar kollezzjoni ta' anfibi u rettili fl-Ewropa. Iz-Zoo jinsab f'Parc de la Ciutadella, l-ikbar oasi ħadranija f'Barċellona. Dawk li ma jixtiequx jidħlu fiz-Zoo, jista' jagħmlu mixja rilassanti fejn ingawdu diversi siġar u pjanti. Wara, ikollna ħin liberu fir-Ramblas, parti vibranti tal-belt, fejn inkun hemm street performers u bankarelli kkuluriti. Imbagħad nitilqu lejn l-ajruport ta' Barċellona minfejn fil-4.55pm nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna Malta fil-7.10pm.



| ESKURSJONIJIET | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Barcelona | €52 | €28 |
| Montserrat (entratura nkluza) | €50 | €25 |
| Marineland Aqua Park | €30 | €15 |
| Mataro & Tossa de Mar | €30 | €15 |
| PortAventura | €50 | €30 |
| Girona | €30 | €15 |

| PREZZ KULL PERSUNA | | *PREZZ SPEĊJALI |
|---|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €719 | **€619** |
| Adult f'kamra Doppja | €729 | **€629** |
| Adult f'kamra Singola | €899 | **€799** |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €549 | **€449** |
| | ADULTI | TFAL |
| Half Board | €140 | €80 |

** Prezz speċjali japplika meta jittieħdu l-eskursjonijiet kollha u l-half board.*

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira diretta mar-Ryanair għal Barellona u lura
- 20kg checked-in luggage kull persuna
- Akkomodazzjoni għal 7 iljieli fil-Hotel Garbi Park (4****) f'Lloret de Mar jew simili
- 7 kolazzjonijiet buffet
- Trasferimenti mill-ajruport sal-lukanda u lura
- Servizz ta' tour leader
- Taxxi tal-ajruport u service charge
- Insolvency Fund Certificate

**Nota:** Kmamar doppji jistgħu jkun twin

### MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ

- **City Tax**
- **Barcelona Aquarium -** € 25 adulti/€18 tfal
- **Marineland Aqua Park -** €34 adulti/€24 anzjani u tfal 5-10 Years/ €13.50 tfal 3-4 Years
- **Barcelona Zoo -** €21.40 adulti/€12.95 tfal
- **Entratura PortAventura entrance**
  MANDATORJA u trid tiġi bbukkjata u mħallsa minn qabel

| | | | |
|---|---|---|---|
| 0 - 3 years | B'xejn | 4 - 11 years | €23 |
| 12 - 17 years | €30 | 18 - 59 years | €43 |
| 60+ years | €34 | | |

**Dawn il-prezzijiet jistgħu jinbidlu**



# KRAKOVA, POLONJA

**ESKURSJONIJIET KOLLHA INKLUŻI**

**Inżuru** Krakov, Zakopane, Tatra Mountains, Kazimierz, Czestachowa, Jasna Gora, Lagiewniki Hill, Auschwitz/Birkinau Concentration Camp, Wadowice, Kalwaria Zebrzydowska u Wieliczka Salt Mines

**GRUPP 1:** 26-31 Lulju
**GRUPP 2:** 23-28 Awwissu

MINN **€1055**

**IS-SIBT:** Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fis-7.00am, biex nagħmlu ċ-check in. Fit-9.00am nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna fl-ajruport ta' Krakova fil-Polonja fil-11.35am. B'kowċ privat immorru fil-lukanda "Maximum" 3*** fiċ-ċentru ta' Krakow. Check in fil-kmamar u waranofsinhar noħorġu mal-gwida tal-lokal biex inzuru postijiet ta' nteress madwar il-belt ta' Krakova. Din il-belt kienet il-belt kapitali tal-Polonja u l-ewwel ħjiel ta' storja fuq dan il-post insibuh miktub fis-sena 965. Fil-ħames sekli ta' wara, ir-Rejiet Pollakki kienu jiġu nkurunati u midfuna f'din il-belt. Fis-sena 1987, il-UNESCO ddikjarat il-belt ta' Krakova bħala Wirt Dinji, waqt li l-Kummissjoni Kulturali tal-Unjoni Ewropea għażlitha bħala l-belt Ewropea tal-kultura għas-sena 2000. Hawn għexu Copernicus u l-Papa Ġwanni Pawlu II. Fost oħrajn, naraw l-Old Town, Ir-Royal Route, il-Jewish District u Wawel Royal Castle. Inżuru l-Katidral (entratura nkluza) u l-knisja ta' Santa Maria (entratura nkluza). Wara jkollna xi ħin liberu biex nieklu (extra) f'xi ristorant li hemm fil-Pjazza prinċipali u wara noqogħdu ngawdu ftit l-atmosfera tal-belt filgħaxija.

**IL-ĦADD:** Wara l-kolazzjon ikollna eskursjoni ta' jum sħiħ għal Zakopane u t-Tatra Mountains, magħrufin bħala l-Alpi tal-Polonja. Dawn il-muntanji jestendu mal-fruntiera ta' bejn il-Polonja u Slovakkja, u huma l-ogħla fost il-Carpathian Mountains. Zakopane huwa resort magħruf ħafna għall-iskiing, fejn sajf u xitwa jkun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija "Krupowski", triq mimlija cafes, ristoranti, boutiques u karozzelli bi żwiemel kbar u kuċċiera bil-kostum. Flimkien mal-gwida tal-lokal naraw il-knisja moderna ddedikata lill-Madonna ta' Fatima, li hi rigal lill-Papa Ġwanni Pawlu II. Naraw ukoll djar u bini tal-injam tipiċi tal-post. Inżuri ħanut/mużew żgħir tal-arti fl-iskultura tal-injam u nitilgħu bil-funikular (inkluż fil-prezz) sal-quċċata ta' Gubalowka biex naraw veduta sabiħa tal-belt. Fi triqitna lura, nagħmlu waqfa f'Kazimierz fejn kien hemm il-Kwartieri tal-Lhud. Filgħaxija noħorġu flimkien għaċ-ċena.

**IT-TNEJN:** Wara l-kolazzjon, akkumpanjati minn gwida tal-lokal, ikollna eskursjoni ta' jum sħiħ għal Czestachowa, wieħed mill-akbar ċentri ta' pellegrinaġġi Marjani. Matul is-sena jmorru mal-5 miljun pellegrin u turist jaraw din ix-xbieha għażiża tal-Madonna s-Sewda fis-Santwarju ta' Jasna Gora. Dan il-post hu wieħed mill-aktar monumenti mportanti għall-Pollakki. Inżuru wkoll il-monasteru u l-knisja mibnija fuq Istil barokk. Filgħaxija noħorġu għall-ikel (extra) u rilassament.

**IT-TLIETA:** Wara l-kolazzjon ikollna eskursjoni lejn Lagiewniki Hill, biex inżuru s-Santwarju tal-Ħniena Divina li kien ikkonsagra l-Papa San Ġwann Pawlu II fl-2001 u l-qabar ta' Santa Faustina. Wara mbagħad immorru fil-Kamp tal-Konċentrament ta' Auschwitz u Birkenau (entratura nkluza), memorja qarsa ta' żmien il-Holocaust fit-Tieni Gwerra Dinjija. Dan huwa post storiku għall-miljuni ta' Lhud u Pollakki. Il-gwida tal-post iddawwarna maż-żewġ kampijiet u tagħmel spjegazzjoni dettaljata. Wara nirritornaw lura lejn Krakow fejn immorru niċċenaw f'wieħed mill-ħafna ristoranti madwar il-Lukanda (extra).

**L-ERBGĦA:** Kolazzjon u llum ikollna eskursjoni ohra, akkumpanjati minn gwida tal-lokal, biex inżuru d-dar fejn il-Papa Qaddis Ġwanni Pawlu II għex l-ewwel 18-il sena ta' ħajtu, fir-raħal ta' Wadowice (entratura nkluża għall-Mużew multimedia). Naraw ukoll il-monument tal-Papa quddiem il-knisja parrokkjali gotika u nżuru wkoll din il-knisja fejn kien mgħammed, serva bħala abbati u fejn kien jitlob kuljum. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' souvenirs. Fi triqitna lura lejn Krakova, inżuru Kalwaria Zebrzydowska fejn hemm is-Santwarju tal-Madonna tal-Anġli, post ta' devozzjoni mportanti fil-Polonja. Filgħaxija noħorġu saċ-ċentru biex nieklu (extra).

**IL-ĦAMIS:** Kolazzjon, nagħmlu ċ-check out mill-kmamar u nitilqu bil-kowc biex ingawdu l-aħħar eskursjoni għall-minjieri tal-melħ Wieliczka, li huma meqjusa bħala l-aktar minjieri tal-melħ spettakolari fid-dinja (entratura nkluza). Il-gwida tal-post iddawwarna ma' dawn il-minjieri u tispjegalna l-istorja tagħhom. F'dawn il-minjieri nsibu diversi skulturi tal-melħ u kappelli żgħar fosthom waħda ddedikata lil Santa Kinga. Dawn il-minjieri huma wkoll imniżżla fil-First World List of Cultural and Natural Heritage. Imbagħad inkomplu triqitna lejn l-ajruport biex nagħmlu ċ-check in. Fis-6.15pm nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna Malta fid-8.55pm.

**PREZZ KULL PERSUNA**

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €1055 |
| Adult f'kamra Doppja | €1075 |
| Adult f'kamra Singola | €1255 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €695 |

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira mar-Ryanair għal Krakova u lura
- 20kg luggage kull persuna
- 5 iljieli akkomodazzjoni fil-Hotel Jan Pol Wyspianski 3*** (Grp 1) u Hotel Maximum 3*** (Grp 2) Kolazzjon buffet kuljum
- Trasferimenti u eskursjonijiet kollha skont il-programm
- Gwida tal-lokal titkellem bl-Ingliż waqt l-eskursjonijiet
- Entraturi kollha inkluz St Mary's church, Wawel Cathedral, Cablecar ta' Tatra Mountains, Muzew tal-Papa, Auschwitz u l-minjieri tal-melħ
- Servizz ta' tour leader u direttur spiritwali
- Taxxi kollha
- Insolvency fund Certificate



# SQALLIJA, BL-AJRU

**ESKURSJONIJIET KOLLHA INKLUŻI**

**Inżuru** Catania, Gole del Alcantara, Etnaland Acuqapark, Savoca, Castelmola, Taormina, Mount Etna, Centro Sicilia Shopping Centra (inkluz Primark) u Siracusa

**GRUPP 1:** 03-07 Lulju
**GRUPP 2:** 17-21 Lulju
**GRUPP 3:** 31 Lulju – 04 Awwissu
**GRUPP 4:** 28 Awwissu – 02 Settembru

MINN
**€579**

**IL-ĦAMIS:** Niltaqgħu l-ajruport fl-4.00am biex fis-6.00am nitilqu fuq titjira tal-KM Malta Airlines li twassalna l-ajruport ta' Catania fis-6.45am. Minn hawn nitilqu b'kowċ privat lejn iċ-centru ta' Catania fejn ikollna ħin liberu għal sightseeing u xiri mis-suq u l-ħwienet. Wara nofsinhar immorru Gole del'Alcantara, attrazzjoni meraviljuza magħmula minn blat għoli tal-lava fejn minn bejnietu tgħaddi x-Xmara Alcantara b'ilma ċar kristall. Wara nirritornaw f'Catania u nagħmlu check in fil-Best Western Hotel Mediterraneo.

**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon u l-eskursjoni tal-lum se tkun ġurnata f'Etnaland Acquapark (dħul inkluż). Dan il-park joffri divertiment għall-familja kollha, fosthom diversi slides tal-ilma, attrazzjonijiet oħra akkwatiċi u pixxini għall-adulti u għat-tfal. Hawn wieħed isib ukoll wave pool attrazzat għat-tfal. Il-park għandu wkoll gift shops, snack bars, ristoranti u servizz tar-ritratti.

**IS-SIBT:** Kolazzjon u l-eskursjoni tal-lum ta' jum sħiħ se teħodna fi tlett postijiet differenti. L-ewwel waqfa tagħna tkun f'Savoca, villaġġ fuq għolja bi djar mibnija fuq il-ġnub. Dan il-post joffri veduti nkredibbli u hawnhekk insibu wkoll Vitelli Bar u l-knisja ta' St. Lucia fejn inġibdu ħafna xeni mill-film famuz The Godfather. Wara nibqgħu sejrin Castelmola. Il-pjazza principali hija miksija b'muzajk abjad magħmul mill-lava, imdawra bis-siġar u li tiftaħ għall-fuq il-Belveder b'veduti ta' Taormina. L-aħħar waqfa tagħna tkun f'Taormina, magħrufa bħala l-ġawhra ta' Sqallija, b'toroq dojoq iserrpu fejn ma jgħaddux karozzi għalhekk wieħed jista' jagħmel mixja rilassanti biex japprezza diversi bini medjevali, veduti mill-aqwa u ħafna boutiques, ħwienet zgħar, kafetteriji u ristoranti.

**IL-ĦADD:** Kolazzjon u l-eskursjoni tal-lum teħodna fuq il-vulkan Etna, wieħed mill-eqdem f'Ewropa u li għadu attiv. Dan il-vulkan ilu protett mill-UNESCO World Heritage sa mill-2013. Ingawdu l-veduti mill-isbaħ u iktar tard waranofsinhar immorru Centro Sicilia Shopping Centre li jospita wkoll il-Primark.

**IT-TNEJN:** Wara l-kolazzjon nagħmlu c-check out mill-kmamar u nitilqu bil-kowċ lejn Siracusa, famuza għall-arkitettura Barokka u li toffri taħlita ta' attrazzjonijiet. Il-penisola ta' Ortigia li hija l-parti l-antika u li hija mgħaqqda ma' Siracusa permezz ta' pont hija l-isbaħ parti u jkollna ħin biex induruha sew. Fit-8.00pm nitilqu lejn l-ajruport ta' Catania biex f'11.50pm nitilqu fuq titjira tal-KM Malta Airlines li twassalna Malta fin-00.35am (sbiħ it-Tlieta)




**PREZZ KULL PERSUNA**

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €579 |
| Adult f'kamra Doppja | €599 |
| Adult f'kamra Singola | €729 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €399 |

** Hemm ħafna ristoranti minfejn wieħed jista' jiekol viċin il-lukanda.*

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira mal-KM Malta Airlines għal Catania u lura
- 10kg hand luggage u 20kg checked in luggage kull persuna
- Akkomodazzjoni għal 4 iljieli fil Best Western Hotel Mediterraneo 3*** f'Catania (jew simili)
- Kolazzjon buffet kuljum
- Trasferimenti u eskursjonijiet kollha skont il-programm
- Entratura ta' Etnaland
- Taxxi tal-ajruport u service charge
- Servizz ta' tour leader
- Insolvency Fund Certificate

**MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ**

- **City tax**
- **Gole del Alcantara** - bit-taraġ €2 kull persuna / bil-lift €8 kull persuna




# FESTA TAT-TRECASTAGNI (BIL- BAĦAR)

**Inżuru** Catania, il-Festa tat-Trecastagni, Randazzo u Acireale

**09–11 Mejju**

MINN **€400**

**IL-ĠIMGĦA:** Fl-4.00am niltaqgħu fis-sea passenger terminal tal-Virtu Ferries għaċ-check in. Fil-5.00am nitilqu bil-Catamaran tal-Virtu' Ferries li jwassalna Pozzallo fis-6.45am. Minn hawn nitilqu bil-kowċ privat lejn iċ-ċentru ta' Catania fejn ikollna ħin liberu għax-xiri mis-suq u l-ħwienet tal-madwar. Wara nibqgħu sejrin fil-Hotel Fiumefreddo 3*** fejn ikollna ikla abbundanti, nagħmlu check in fil-kmamar u ħin ta' mistrieħ. Fis-6.00pm nitilqu bil-kowċ lejn Trecastagni li ġejja mil-latin Tliet Iħrief Puri u li tirreferi għal 3 zgħazagħ Alfio, Filadelfo u Cirino li sofrew martirju qalil għall-fidi tagħhhom. Nassitu għall-atmosfera ta' lejlet il-festa fejn ikun hemm spettaklu ta' logħob tan-nar pirotekniku, filwaqt li nies mill-ibiet tal-madwar jimxu ħafjin b'xemgħat kbar fuq spallejhom b'ringrazzjament għal xi wegħda li jkunu qalgħu. Jarma wkoll suq kbir għall-okkazzjoni u jkun hemm ukoll bankarelli tal-ikel (ikel extra).

**IS-SIBT:** Kolazzjon buffet u nerġgħu nitilqu lejn Trecastagni biex ingawdu l-atmosfera ta' jum il-festa kif ukoll il-gandlori li jirraprezentaw lill-qaddisin. Hawn jarma suq kbir u wieħed isib jixtri minn kollox. Fis-1.00pm toħroġ il-purċissjoni u naraw diversi kaxxi nfernali. Aktar tard nibqgħu sejrin Katane, ċentru kummerċjali fejn ikollna ħin liberu għax-xiri. Filgħaxija ċena inkluza fil-lukanda.

**IL-ĦADD:** Kolazzjon buffet, check out mill-kmamar u nitilqu lejn Randazzo, villaġġ f'riġel Mount Etna. Wieħed jista' jagħmel mixja fil-villaġġ jew izur xi knisja jew idur il-monti li jarma kull nhar ta' Ħadd. Imbagħad ikollna pranzu (inkluz) u wara nitilqu lejn il-belt ta' Acireale, mibnija fuq stil Barokk. Ħin liberu għar-rilassament u sightseeing imbagħad naqbdu t-triq lejn Pozzallo minfejn fid-9.30pm nitilqu bil-Catamaran li jwassalna Malta fil-11.15pm



**PREZZ KULL PERSUNA**

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €400 |
| Adult f'kamra Doppja | €415 |
| Adult f'kamra Singola | €475 |

**PREZZ JINKLUDI**

- Vjaġġ bil-Catamaran għal Pozzallo u lura
- Akkomodazzjoni għal 2 iljieli fil-Hotel Fiumefreddo 3***
- 2 kolazzjonijiet, 2 pranzi u ċena waħda skont kif indikat fil-programm
- Trasferimenti u eskursjonijiet kollha skont il-programm
- Taxxi kollha
- Servizz ta' tour leader

## DAY RETURNS BIL-BAĦAR

| | | |
|---|---|---|
| 17 Mejju | **Infiorata di Noto – Chiaramonte – Ragusa**<br>Inkluz Catamaran, Coach u pranzu | €170 |
| 07 Ġunju | **Vittoria – Chiaramonte – Ragusa**<br>Inkluz Catamaran, Coach u pranzu | €160 |

*Staqsi għal aktar dettalji fuq programmi oħra f'Settembru, Ottubru u Novembru*



# TOUR TA' SQALLIJA (BIL- BAĦAR)

**LUKANDA 4 STAR**

**Inżuru** Pozzallo, Catania, Palermo, Monte Pellegrino, Cefalu', Trapani, Erice u Centro Sicilia Outlet

## 31 LULJU – 03 AWWISSU

MINN **€620**

**IL-ĦAMIS:** Fil-5.30am niltaqgħu fis-Sea Passenger Terminal tal-Virtu Ferries biex fis-6.30am nitilqu bil-Catamaran li jwassalna fil-port ta' Pozzallo fit-8.15am. Minn hawn nitilqu b'kowċ privat lejn Catania fejn ikollna ħin liberu għax-xiri mis-suq u l-ħwienet tal-madwar. Wara jkollna pranzu buffet (inkluż) imbagħad naqbdu t-triq lejn Palermo u nagħmlu c-check in fil-Hotel Ibis Styles Palermo President 4****. Ħin ta' rilassament u ċena fil-lukanda (inkluża).

**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon buffet u bil-kowċ nitilqu lejn Monte Pellegrino, muntanja b'veduti spettakolari fejn inzuru wkoll is-Santwarju fil-quċċata ddedikat lil Santa Rosalia – Qaddisa Patruna ta' Palermo. Wara nitilqu lejn Cefalu', belt medjevali fejn inzuru ċ-ċentru storiku fosthom il-Katidral majestuz fi Piazza Duomo, il-pjazza prinċipali ta' din il-belt mimlija kafetteriji u bars fil-miftuħ. Ħin liberu biex ingawdu din il-belt pittoreska fejn wieħed jista' jzur ukoll il-port tas-sajjieda. Filgħaxija niċċenaw fil-lukanda (inkluża).

**IS-SIBT:** Kolazzjon buffet u wara jkollna eskursjoni ta' jum sħiħ għal Trapani u Erice. Trapani, il-belt tal-koralli, tmiss mal-baħar Mediterran u hawn ikollna ċans nesploraw din il-belt Barokka inkluż knisja li fiha nsibu vari tal-Ġimgħa l-Kbira partikolari u tipiċi ta' dan il-post. Wara mmorru Erice, belt oħra pittoreska u medjevali, b'toroq dojoq u siekta. Ċena fil-lukanda (inkluża).

**IL-ĦADD:** Kolazzjon buffet u nitilqu mil-lukanda bil-kowċ fejn l-ewwel waqfa tagħna tkun Sicilia Outlet Village li jospita' ħwienet ta' ditti rinomati bi skonti kbar. Ħin liberu għax-xiri u wara nieqfu Centro Sicilia, ċentru kummerċjali ieħor li jospita wkoll il-Primark. Fid-9.30pm nitilqu bil-Catamaran li jasal Malta fil-11.15pm.



**PREZZ KULL PERSUNA**

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €620 |
| Adult f'kamra Doppja | €650 |
| Adult f'kamra Singola | €750 |

**PREZZ JINKLUDI**

- Vjaġġ bil-Catamaran għal Pozzallo u lura
- Akkomodazzjoni għal 3 iljieli fl-Ibis Styles Palermo President 4****
- 3 kolazzjonijiet American buffet
- Pranzu buffet fl-ewwel jum (drinks extra)
- 3 ċeni buffet fil-lukanda (drinks extra)
- Taxxi tal-port u service charge
- Servizz ta' tour leader
- Insolvency Fund Certificate

**MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ**

- **City tax** - ta' €4 kull persuna kull lejl (minn 18-il sena 'l fuq titħallas direttament fil-lukanda



# EĠITTU U NILE CRUISE

**ESKURSJONIJIET KOLLHA INKLUŻI – FULL BOARD –**

**Inżuru** Cairo fid-dettal, Il-Piramidi ta' Giza, Saqqara, Lixandra, Fustat (Civilisation Museum), Nile Cruise (Luxor, Valley of the Kings, Edfu, Aswan, Abu Simbel)

**GRUPP 1:** 08-18 Mejju
**GRUPP 2:** 30 Ottubru – 09 Novembru

MINN **€2580**

**IL-ĦAMIS:** Niltaqgħu l-ajruport fit-8.00am biex fil-10.50am nitilqu fuq titjira tat-Turkish Airlines (via Istanbul) li twassalna sal-Kajr. Hawnhekk insibu rapprezentant jistenniena sabiex nagħmlu l-visa (inkluża fil-prezz) u naqbdu l-coach li twassalna dritt fil-lukanda.

**IL-ĠIMGĦA:** Wara l-kolazzjon nibdew il-ġurnata billi nżuru Saqqara, villaġġ Eġizzjan f'Badrashin f'Giza, fejn hemm midfuna l-Familji Rjali tal-Eġittu antika. Hawnhekk insibu għadd ta' Piramidi, inkluża l-Piramida ta' Djoser u għadd t'għoqbra. Waranfisnhar inżuru l-famużi Piramidi ta' Giza. Magħna ser ikollna esper tal-post biex jispjegalna aħjar fuq l-istorja tagħhom. Lura l-lukanda u fis-6.00pm ikollna ċena fuq dgħajsa ruq ix-xmara.

**IS-SIBT:** Wara l-kolazzjon nitilqu lejn Lixandra fejn nibdew il-ġurnata bi żjara fil-Mużew Akreoloġiku Grieg-Ruman. Hawnhekk insibu ħafna antikitajiet li nstabu fl-inħawi. Inżuru wkoll il-Librerija ta' Lixandra, l-akbar librerija ta' żmienha li nbniet minn Ptolemy I. Jingħad li twaqqfet minn Alexander the Great madwar 23 seklu ilu. Din il-librerija nħarqet kompletament fis-sena 48 Q.K. Fl-2002 reġgħet inbniet u ngħatat l-isem ta' The New Library of Alexandria. F'Lixandra insibu wkoll l-oqbra ta' Kom el-Shoqafa li huma kkunsidrati bħala waħda mill-Għeġubijiet tad-Dinja fil-Medju Evu. Ħafna minn dawn l-oqbra jikkumbinaw il-kulturi Rumani, Griegi u Eġizzjani. Ikollna ċans ukoll naraw Pompey's Pillar li hi kolonna Rumana l-ikbar tax-xorta tagħha, għolja 20.46m b'dajametru ta' 2.71m fil-bażi tagħha. Nirritornaw fil-lukanda u niċċenaw.



**IL-ĦADD:** Wara l-kolazzjon, nibdew il-ġurnata bi żjara fis-Civilisation Museum. Dan il-mużew jinsab f'Fustat fuq medda ta' 33.5m. F'dan il-mużew insibu madwar 50,000 oġġett li jirrakkuntaw l-istorja tal-iżvilupp tal-Eġittu sa mill-qedem. Fih insibu wkoll għadd ta' manuskritti, ritratti, tpinġijiet u ħafna oġġetti oħra minn żmien il-Ħaġar sal-lum. Il-mużew jagħti għal fuq għadira naturali, Ain Al-Sira Lake. Wara nżuru ż-żona tal-Kopti fil-Kajr fejn insibu l-Babylon Fortress, the Hanging Church, il-Knisja Griega ta' San Ġorġ u ħafna aktar knejjes Kopti u siti storiċi. Jingħad li l-familja sagra żaret dan il-post u qagħdet fis-sit tal-Knisja ta' San Sergius u San Bacchus. Lura għaċ-ċena fil-lukanda.

**IT-TNEJN:** Nitilqu kmieni lejn l-ajruport fejn naqbdu titjira lejn Luxor. Kif naslu nżuru t-Tempju ta' Luxor, wieħed mill-isbaħ tempji fl-Eġittu, mibni mir-rejiet tat-12-il dinastija. Amenhotep III kien l-arkitett ta' dan it-tempju li hu mibni maġenb ix-xmara Nil mit-tramuntana san-nofsinhar. Wara nibqgħu sejrin Karnak Temple li hu l-ikbar bini fuq in-naħa tal-lvant ta' Luxor. Wara nitilgħu fuq id-dgħajsa biex nibdew in-Nile Cruise, Ċena u norqdu abbord.

**PREZZ KULL PERSUNA**

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra Doppja/Trippla | €2580 |
| Adult f'kamra Singola | €3030 |

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira għal Cairo u lura (via Istanbul) mat-Turkish Airlines
- 8kg hand luggage u 23kg checked in luggage
- Akkomodazzjoni għal 6 iljieli fil-Hotel Cairo Pyramids 4*** f'Cairo
- 4 iljieli Nile Cruise
- Full Board
- Ilma minerali kuljum
- Trasferimenti u eskursjonijiet kollha skont il-programm
- Gwida tal-lokal bl-Ingliż waqt l-eskursjonijiet kollha
- Assistenza lokali mal-wasla u t-tluq fl-ajruport
- Dħul kollu fil-muzewijiet u tempji
- Viża tal-Eġittu
- Taxxi kollha
- Servizz ta' tour leader Malti
- Tips
- Insolvency Fund Certificate

**MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ**

- Hot Air Balloon



**IT-TLIETA:** Illum min jixtieq jista' jmur fuq titjira fuq ballunbaraxx (air balloon) li jkun extra u wieħed irid ikun kmieni biex jitpaxxa bit-tluġħ ix-xemx. Wara l-kolazzjoni nżuru The Valley of the Kings li tinsab fin-naħa tal-punent tax-xmara Nil qrib ta' Luxor. Dan huwa sit ferm importantl peress li fih insibu għadd ta' oqbra tar-Rejiet. Hawnhekk kien instab it-tebut ta' Tutankhamun minn Howard Carter fl-1922. Wara nibqgħu sejrin lejn it-Tempju ta' Hatshepsut li kienet waħda mill-aqwa Rġejjen tal-Eġittu antika. Hi kienet it-tieni farauni mara li mexxew lill-Eġittu u ħadet it-tmexxija f'idejha fis-sena 1478 Q.K. Wara nitilgħu abbord fejn insalpaw lejn Edfu u Esna Lock. Ċena u norqdu abbord.



**L-ERBGĦA:** Wara l-kolazzjon fuq Il-cruise, nibdew il-ġurnata bi żjara lit-Tempju ta' Edfu fejn nirkbu karrozzella qalb il-villaġġ sa ma naslu għat-tempju. Hawnhekk insibu żewġ statwi mill-isbaħ tal-Falkun Alla Horus. Lura għal fuq id-dgħajsa u nitilqu lejn Kom Ombo fejn inżuru t-tempju ta' Kom Ombo u t-Tempji ta' Haroeris u Sobek. Lura fuq il-cruise fejn nitilqu lejn Aswan. Ċena u norqdu abbord.

**IL-ĦAMIS:** Wara l-kolazzjon inżuru l-Aswan High Dam. Dan huwa opra ta' nġinerija mill-isbaħ u jinsab fuq in-xmara Nil viċin ta' Aswan. Dan id-dam inbena biex jikkontrolla l-għargħar tax-xmara, jiġġenera l-elettriku u jipprovdi ilma għat-tisqija. Dan huwa xhieda tal-inġenwità tal-bniedem u simbolu tal-iżvilupp modern tal-Eġittu. Minn hemm nitilqu lejn Philae temple fuq il-gżira ta' Agilika, iddedikat lill-Isis. Naqbdu t-triq lejn is-sit ta' The Unfinished Obelisk li hu terz ogħla minn kull obelisk ieħor fl-Eġittu. Lura abbord għaċ-ċena u rqad.

**IL-ĠIMGĦA:** Llum irridu nbakkru nitilqu kmieni lejn Abu Simbel, qrib il-fruntiera mas-Sudan, fejn insibu żewġ tempji maestużi. Dawn it-tempji kienet ġew minquxa fil-ġenb tal-muntanja fis-seklu 13 Q.K. fir-renju tal-Faraun Ramesis II. It-tempji huma ddedikati lil Ramesis II u martu Nefertari. Minn hemm immorru l-ajruport ta' Aswan fejn naqbdu titjira lura lejn il-Kajr. Ċena fil-lukanda fil-Kajr.



**IS-SIBT:** Wara l-kolazzjon, illum nitilqu għall-ħabta tat-8am għall-Grand Egyptian Museum. Dan huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa kisbiet tal-Eġittu tal-lum u huwa l-ikbar mużew fid-dinja li jirrakkonta l-istorja taċ-ċiviltà antika tal-Eġittu. Hawnhekk insibu t-teżori ta' Tutankhamun. Wara nkomplu lejn iċ-Ċittadella li nbniet minn Salah El Din fis-sena 1183 W.K. fuq l-għojiet ta' Moqattam u li tħares għal fuq il-belt. Hawnhekk insibu wkoll Moskea mill-isbaħ li ġiet ikkummissjonata minn Muhammad Ali Pasha bejn l-1830 u l-1848. Lura lejn il-lukanda għaċ-cena w irqad.

**IL-ĦADD:** Wara kolazzjon kmieni, Illum nitilqu lejn l-ajurport għat-titjira lura lejn Malta mat-Turkish Airlines (Via Istanbul). Naslu Malta 6.20pm.



# LOURDES

FULL BOARD

MINN **€713**

**Inżuru** Lourdes, Pont d'Espagne, Gavarnie, Col d'Ibardin u St Jean de Luz

**GRUPP 1:** 10–14 Mejju
**GRUPP 2:** 31 Mejju – 04 Ġunju
**GRUPP 3:** 07–11 Ġunju
**GRUPP 4:** 21–25 Ġunju
**GRUPP 5:** 28 Ġunju – 02 Lulju
**GRUPP 6:** 05–09 Lulju
**GRUPP 7:** 10–15 Lulju **
**GRUPP 8:** 19–23 Lulju
**GRUPP 9:** 02–06 Awwissu
**GRUPP 10:** 09–13 Awwissu
**GRUPP 11:** 16–20 Awwissu
**GRUPP 12:** 23–27 Awwissu
**GRUPP 13:** 30 Awwissu – 03 Settembru
**GRUPP 14:** 06–10 Settembru
**GRUPP 15:** 13–17 Settembru
**GRUPP 16:** 20–24 Settembru

**Dan il-grupp għandu programm u ħinijiet differenti

**IS-SIBT:** Il-grupp jiltaqa' l-ajruport fit-3.15am biex fis-5.45am nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna fl-ajruport ta' Lourdes fit-8.15am. Minn hawn nitilqu bil-kowċ privat nitilqu lejn il-lukanda f'Lourdes. Kif naslu, inżuru l-Grotta ta' Massabielle, fejn il-Madonna dehret lil Santa Bernardette Soubirous. Inżuru wkoll it-tliet Bażiliki u nieħdu ritratt ta' tifkira flimkien. Pranzu fil-lukanda, sistemazzjoni fil-kmamar u ħin ta' rilassament. Filgħaxija niċċenaw fil-lukanda.

**IL-ĦADD:** Wara l-kolazzjon niċċelebraw l-Ewkaristija f'waħda mid-diversi knejjes/kappelli li jinsabu viċin il-Grotta. Imbagħad nagħmlu mixja madwar Lourdes u fejn ikun possibbli nzuru diversi postijiet ta' nteress konnessi ma' Santa Bernardette, fosthom il-Mitħna Boly (fejn twieldet u għexet sakemm kellha 10 snin), il-Cachot (kamra f'ħabs abbandunat fejn għexet mal-familja matul id-dehriet) u l-knisja Parrokkjali li hija ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'. Pranzu fil-lukanda u wara jkollna eskursjoni optional għal Pont d'Espagne li jifforma parti mill-Park Nazzjonali tal-Pyrenees. Matul din l-eskursjoni fuq il-muntanji, nitpaxxew b'xenarju mill-isbah u naraw ħafna kaskati meraviljuzi bl-ilma niezel b'veloċita kbira. Ċena fil-lukanda u wara nieħdu sehem fil-purċissjoni Aux Flambeaux li tibda mill-Grotta u tintemm fil-pjazza ta' quddiem il-Bazilika tar-Rużarju. F'din il-purċissjoni, il-pellegrini jimxu wara l-istatwa tal-Madonna b'xemgħa mixgħula f'idejhom waqt li jingħad ir-rużarju.

**IT-TNEJN:** Kolazzjon u nibdew il-gurnata bil-Quddiesa u wara nagħmlu l-Via Sagra. Pranzu fil-lukanda segwit minn eskursjoni optional għal Gavarnie, fejn naraw ħafna veduti meraviljuzi. Gavarnie huwa raħal qalb il-muntanji, b'għoli ta' 1357m 'l fuq mill-baħar. Fi triqitna nagħmlu waqfa fuq Pont du Napoleon, biex nieħdu ritratti tal-veduta mill- aqwa. Filgħaxija niċċenaw fil-lukanda.

**IT-TLIETA:** Kolazzjon u llum ikollna eskursjoni optional ta' ġurnata għal Col d'Ibardin u St Jean de Luz. F'Col d'Ibardin naraw veduti mill-isbaħ u nagħmlu xi xiri mid-diversi ħwienet li jinsabu fuq din l-għolja. Wara mmorru St Jean de Luz, belt kosmopolitana, medjevali u b'influwenza Spanjola. Hawnhekk inżuru ċ-ċentru storiku u x-xtajta tal-post u ħin liberu. Filgħaxija niċċenaw fil-lukanda.

**L-ERBGĦA:** Kolazzjon u check out mill-kmamar. Fid-9.30am nieħdu sehem fil-Quddiesa Internazzjonali li ssir fil-Bażilika l-Kbira ta' taħt l-art iddedikata lil San Piju X. Esperjenza unika u xeni mpressjonanti ta' devozzjoni. Imbgħad nippranzaw fil-lukanda u nitilqu lejn l-ajruport biex fis-5:55pm nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna Malta fit-8:20pm




**PREZZ KULL PERSUNA**

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €713 |
| Adult f'kamra Doppja | €733 |
| Adult f'kamra Singola | €833 |
| Tfal ma' żewġ adulti (2-10 snin) | €479 |

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira mar-Ryanair għal Lourdes
- 20kg checked-in luggage kull persuna
- Akkomodazzjoni għal 4 iljieli fil-Hotel Christina 3*** f'Lourdes jew simili
- 4 kolazzjonijiet / 4 pranzi / 4 ċeni
- Trasferimenti mill-ajruport għal-lukanda u lura
- Taxxi tal-ajruport u service charge
- Servizz ta' tour leader
- Servizz ta' direttur spiritwali
- Insolvency Fund Certificate

| ESKURSJONIJIET | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Pont d'Espagne | €30 | €15 |
| Gavarnie | €30 | €15 |
| St. Jean d'Luz / Col d'Ibardin | €47 | €25 |

**MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ**

- **City Tax** - €2.30 kull persuna kull lejl (minn 18-il sena 'l fuq) tithallas direttament fil-lukanda
- **Donazzjoni lis-Santwarju** - €10 kull persuna. Din tingabar mit-tour leader f'Lourdes



# FATIMA, PORTUGALL

LUKANDA ĊENTRALI
**4 STAR**

**Inżuru** Fatima, Tomar, il-Grotti ta' Mira d'Aire, Lisbona, Valinhos, Aljustrel, Batalha, Alcobaca, Nazare, Coimbra u Oporto

**09–16 Lulju**

MINN
**€849**

**L-ERBGĦA:** Niltaqgħu l-ajruport fis-6.20am biex fid-8.50am nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna fl-ajruport ta' Lisbona fil-11.20am. Minn hawn nitilqu bil-kowċ lejn il-lukanda tagħna f'Fatima. Check in fil-kmamar u iktar tard waranofsinhar nagħmlu mixja mat-tour leader mal-madwar. Ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĦAMIS:** Kolazzjon buffet u wara jkollna eskursjoni optional ta' nofs ta' nhar għal Tomar u l-Grotti ta' Mira d'Aire. Kif naslu fuq l-għolja li tħares fuq Tomar, nistgħu nżuru t-Templars Monastery (dħul extra). Minn hawn naraw veduta panoramika u pittoreska ta' Tomar. Imbagħad inżuru l-grotti ta' Mira d'Aire fejn ikollna tour gwidat ta' dawn il-grotti spettakolari u wirja fantastika ta' ilma jiżfen (dħul extra). Wara nofsinhar ikollna ħin liberu fejn wieħed jista' wkoll jagħmel xi shopping minn ċentru kummerċjali. Ċena optional fil-lukanda.

**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon buffet u llum ikollna eskursjoni optional ta' jum sħiħ għal Lisbona, il-belt kapital tal-Portugall. Naraw il-monument dedikat lil Henry the Navigator, it-Torri Belem, il-Moorish Citadel u l-faċċata tal-monasteru ta' St. Jeronimo. Wara nofsinhar immorru Alfama, fejn ikollna ħin liberu. Filgħaxija ċena optional fil-lukanda.

**IS-SIBT:** Kolazzjon buffet u llum ikollna jum liberu ġo Fatima biex, flimkien ma' eluf ta' pellegrini oħra, ningħaqdu fil-funzjonijiet reliġjużi li jsiru fit-12 u t-13 il-jum tax-xahar. Fit-tlettax il-jum għal sitt xhur sħaħ li bdew fit-13 ta' Mejju fl-1917, il-Madonna dehret lit-tlett rgħajja u qaltilhom li hija 'is-Sinjura tar-Rużarju'. B'mini train (extra), inżuru Valinhos fejn insegwu l-Via Crucis fejn il-kappella ż-żgħira. Wara mmorru Ajustrel biex inżuru d-djar fejn kienu joqogħdu t-tlett itfal rgħajja – Luċija, Giacinta u Francisco. Ċena optional fil-lukanda u wara nieħdu sehem fil-purċissjoi Aux Flambeau fil-pjazza prinċipali quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Fatima.

**IL-ĦADD:** Wara l-kolazzjon buffet, illum ningħaqdu ma' eluf ta' pellegrini oħra u nipparteċipaw fil-Quddiesa Internazzjoni li tinkludi t-tberik tal-morda u l-purċissjoni tal-għeluq. Wara nofsinhar ikollna eskursjoni optional li teħodna Batalha, Alcobaca u Nazare. Nibdew l-ewwel bi żjara f'Batalha fejn naraw il-Katidral stil Gotiku. Imbagħad immorru Alcobaca biex inżuru l-monasteru. L-aħħar waqfa tagħna tkun f'Nazare, villaġġ tas-sajd mal-kosta Atlantika. Filgħaxija ċena optional fil-lukanda.

**IT-TNEJN:** Wara l-kolazzjon buffet, ikollna eskursjoni optional ta' nofs ta' nhar għal Coimbra, fejn inzuru l-kunvent tal-Karmelitani fejn kienet tgħix Sister Lucia. Naraw ukoll l-Universita' storika li fil-passat kienet ir-residenza ta' diversi rejiet. Lura ġo Fatima waranofsinhar, inzuru l-Muzew tas-Santwarju u naraw video dwar it-3 rgħajja. Inzuru wkoll kantina tal-inbid. Filgħaxija ċena optional fil-lukanda.

**IT-TLIETA:** Kolazzjon buffet u llum noffrulkom l-opportunita' ta' eskursjoni optional li teħodna fit-tramuntana tal-Portugal biex inżuru Oporto, waħda mill-ikbar bliet kummerċjali fil-Portugal fejn inżuru diversi postijiet ta' nteress u ż-żona pedonali. Filgħaxija ċena optional fil-lukanda.

**L-ERBGĦA:** Kolazzjon buffet, check out mil-lukanda u naqbdu t-triq lejn l-ajruport ta' Lisbon biex f'11.45am nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna lura Malta fl-3.50pm.



| PREZZ KULL PERSUNA | | *PREZZ SPEĊJALI |
|---|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €949 | €849 |
| Adult f'kamra Doppja | €959 | €859 |
| Adult f'kamra Singola | €1099 | €999 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €599 | €499 |
| Half Board (7 ikliet) | | € 140 |

** Prezz speċjali japplika meta jittieħdu l-eskursjonijiet kollha u l-half board.*

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira mal-Ryanair għal Lisbona u lura
- 20kg checked in luggage kull persuna
- Akkomodazzjoni għal 7 iljieli fil-Hotel Santa Maria 4 star ġo Fatima jew simili
- Kolazzjon buffet kuljum
- Trasferimenti mill-ajruport sal-lukanda u lura
- Taxxi kollha
- Servizz ta' tour leader
- Servizz ta' direttur spiritwali
- Insolvency Fund Certificate

| ESKURSJONIJIET | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Tomar u Grotti ta' Mira d'Aire | €44 | €25 |
| Lisbona | €59 | €35 |
| Batalha/Alcobaca/Nazare | €49 | €30 |
| Coimbra | €44 | €25 |
| Oporto | €64 | €35 |

**MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ**

- **Templars Monastery** - €6.00 kull persuna
- **Grotti ta' Mira d'Aire** - €8.00 kull persuna
- **Wax Museum** - €9.00 kull persuna
- **Mini Train** - €6.00 kull persuna



# PUGLIA & SAN GIOVANNI ROTONDO

**ESKURSJONIJIET KOLLHA INKLUŻI**

**Inżuru** San Giovanni Rotondo, Foggia, Monte Sant'Angelo, Pietrelcina, Morcone, Bari & Alberobello

## 03–07 Settembru

MINN **€715**

**L-ERBGĦA:** Niltaqgħu l-ajruport fit-3.45am biex fis-5.45am nitilqu fuq titjira tar-Ryanair li twassalna fl-ajruport ta' Bari fis-7.05am. Minn hawn nitilqu bil-kowċ privat lejn Alberobello, fejn naraw it-Trulli – djar mimbijin bi stil uniku u pittoresk. Ħin rilassanti fejn ikollna anke ħin biex nixtru xi tifkiriet u nieklu xi ħaġa (extra). Wara nkomplu triqitna lejn San Giovanni Rotondo fejn nagħmlu ċ-check-in fil-Hotel Sollievo 3***. Sistemazzjoni tal-kmamar u ċena fil-lukanda.

**IL-ĦAMIS:** Kolazzjon u llum niddedikaw dan il-jum billi nżuru diversi postijiet f'San Giovanni Rotondo, fosthom is-Santwarju Santa Maria Delle Grazie, il-Mużew ta' Padre Pio, il-Kripta, il-kamra tiegħu, il-kurċifiss mirakoluż, il-knisja l-qadima u l-konfessjonarju. Naraw ukoll l-isptar Casa Sollievo della Sofferenza, kif ukoll il-Knisja l-ġdida dedikata lil San Pio ta' Pietrelcina fejn ikollna quddiesa. Filgħaxija niċċenaw fil-lukanda (inkluża).

**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon u tluq lejn Foggia biex inżuru l-Kunvent ta' Sant'Anna fejn Padre Pio kien qatta' sitt xhur. Naraw ukoll affarijiet relatati ma' dan il-qaddis u nisimgħu xi ġrajjiet li għadda minnhom hawnhekk. Ikollna wkoll quddiesa. Wara bil-coach inżuru l-Bażilika tal-Madonna Inkurunata li matul iż-żminijiet żaruha San Franġisk t'Assisi, Sant'Antnin ta' Padova, San Pio ta' Pietrelcina u l-Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Ħin għax-xiri ta' souvenirs u nitilqu għaċ-ċentru kummerċjali ta' Foggia għall-ikel (ħlas extra) u ftit shopping. Imbagħad bil-coach nitilqu għal fuq il-muntanja tal-Gargano Monte Sant'Angelo. Hawn insibu l-għar u s-Santwarju ta' San Mikiel Arkanġlu. Dan il-post qaddis kien iħobb iżuru Padre Pio, akkumpanjat mill-fratini. Din il-Bażilika/Santwarju bħalissa qegħdin jieħdu ħsiebha l-Kongregazzjoni Mikelini li huma ta' oriġini Pollakka. Filgħaxija ċena fil-lukanda (inkluża).

**IS-SIBT:** Kolazzjon u wara jkollna eskursjoni għal Pietrelcina u Morcone. Nibdew bi żjara f'Pietrelcina, post żgħir u ħelu fejn Padre Pio twieled u għex sakemm kellu 31 sena. Naraw postijiet konnessi ma' Padre Pio, fosthom il-knisja parrokkjali fejn, fl-14 t'Awwissu 1910, qaddes għall-ewwel darba. Ħin għal xiri ta' tifkiriet u ikel (extra). Imbagħad nitilqu lejn Morcone. F'Morcone insibu l-kunvent fejn Padre Pio għamel in-novizzjat tiegħu. Nagħmlu dawra mal-kunvent u nisimgħu tagħrif importanti dwaru. Inkomplu triqtna lejn San Giovanni Rotondo. Ċena fil-lukanda (inkluża).

**IL-ĦADD:** Wara l-kolazzjoni nitilqu lejn il-belt ta' Bari. Hawn se nżuru fost l-oħrajn il-katidral majestuż iddedikat lil San Nikola u li fih imorru ħafna pellegrini. Ikollna wkoll quddiesa. Wara nitilqu lejn l-ajruport ta' Bari biex naqbdu t-titjira tagħna li titlaq fl-4.35pm u tasal Malta fis-5.55pm.



**PREZZ KULL PERSUNA**

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €715 |
| Adult f'kamra Doppja | €745 |
| Adult f'kamra Singola | €850 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €580 |

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira mar-Ryanair għal Bari u lura
- Bagalja ta' 20kg kull persuna
- Akkomodazzjoni għal 4 iljieli fil-Hotel Sollievo 3*** f'San Giovanni Rotondo
- Kolazzjon buffet kuljum
- 4 ċeni (3-course) inkluż ilma minerali
- Trasferimenti u eskursjonijiet kollha skont il-programm
- Servizz ta' tour leader
- Servizz ta' direttur spiritwali
- Insolvency Fund Certificate

**MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ**

- City Tax



# RUMA, POMPEI & NAPLI

**Inżuru** Ruma (il-Vatikan, San Paolo Fuori le Mura, il-Colosseo, Santa Maria Maggiore, il-Bazilika di Santo Croce in Gerusalemme, u San Giovanni in Laternano), Napli u Pompei

## 09–12 Settembru

**ESKURSJONIJIET KOLLHA INKLUŻI — 4 JIEM SĦAĦ —**

MINN **€715**

**IT-TLIETA:** Niltaqgħu l-ajruport fil-5.00am biex fis-7.00am nitilqu fuq titjira tal-KM Malta Airlines li twassalna fl-ajruport ta' Fiumicino fit-8.35am. Minn hawn nitilqu bil-kowċ privat biex insuru San Paolo Fuori le Mura, San Giovanni in Laterano, il-Bazilika di Santo Croce in Gerusalemme, il-Colosseo u Santa Maria Maggiore. Wara nibqgħu sejrin fil-lukanda tagħna f'Ruma. Sistemazzjoni fil-kmamar.

**L-ERBGĦA:** Check out mill-kmamar, kolazzjon u bil-kowċ immorru l-Vatikan biex nattendu għall-Udjenza mal-Papa. Wara ngħaddu mill-bieb tal-Ġublew tat-Tama u nzuru l-Bazilika San Pietru w il-knisja ta' Santa Maria in Transpontina fejn ikollna quddiesa. Imbagħad naqbdu triqitna lejn il-lukanda tagħna f'Pompei, fejn nintlaqgħu b'welcome cocktail. Sistemazzjoni fil-kmamar u ċena fil-lukanda (inkluza).

**IL-ĦAMIS:** Kolazzjon u bil-kowċ nitilqu lejn Napli fejn l-ewwel ikollna dawra panoramika mal-belt u wara nzuru postijiet ta' nteress, fosthom il-famuza Via San Gregorio Armeno mimlija ħwienet li jbiegħu affarijiet relatati mal-presepji u s-Santwarju ta' Maria del Carmine Maggiore. Ħin liberu u mmorru lura fil-lukanda f'Pompei fejn ikollna ċ-ċena (inkluza)

**IL-ĠIMGĦA:** Kolazzjon u nagħmlu c-check out mill-kmamar. Imbagħad inzuru s-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei fejn ikollna quddiesa. Ħin liberu għal xiri ta' souvenirs u wara nitilqu bil-kowċ lejn Ruma fejn inzuru Centru Kummerjali kbir viċin l-ajruport fejn ikollna ħin liberu għax-xiri u biex nieklu xi ħaga (extra) qabel ma mmorru l-ajruport. Fid-9.00pm nitilqu fuq titjira tal-KM Malta Airlines li twassalna lura pajjizna fl-10.30pm.



**PREZZ KULL PERSUNA**

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra Trippla | €715 |
| Adult f'kamra Doppja | €725 |
| Adult f'kamra Singola | €765 |

**MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ**

- City Tax

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira għal Ruma u lura ma' KM Malta Airlines
- 10kg hand luggage u 20kg checked in luggage kull persona
- Akkomodazzjoni għal lejl fil-Hotel The Cross 3*** f'Ruma (jew simili)
- Akkomodazzjoni għal 2 iljieli fil-Hotel Del Sol 3*** f'Pompei (jew simili)
- 3 kolazzjonijiet
- 2 ċeni fil-lukanda ta' Pompei inkluz ilma w inbid
- Trasferimenti u eskursjonijiet kollha skont il-programm
- Servizz ta' tour leader
- Servizz ta' direttur spiritwali
- Taxxi tal-ajruport u service charge
- Insolvency Fund Certificate



# L-ALPI TALJANA

## U ĠURNATA L-ISVIZZERA

**ESKURSJONIJIET KOLLHA INKLUŻI**

**Inżuru** St. Vincent, Parco Gran Paradiso, Cogne, Lillaz waterfalls, Aosta, Chamois, Bard, Chillon Castle, ake Geneve, Maison Cailler Chocolate Factory, Gruyere u Milan

**GRUPP 1:** 18-22 Ġunju
**GRUPP 2:** 17-21 Settembru

MINN
**€785**

